C/2024/3091

3.5.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11537 – Enbridge / MPLX / ISQ / WPC)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/3091)

1. Fit-23 ta' April 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Enbridge Inc. ("Enbridge", il-Kanada),

— MPLX Delaware Basin LLC ("MPLX", l-Istati Uniti), ikkontrollata minn Marathon Petroleum Corporation (l-Istati Uniti),

— I Squared Capital Advisors (l-Istati Uniti), LLC ("ISQ", l-Istati Uniti),

— WPC Parent, LLC ("WPC", l-Istati Uniti).

Enbridge, MPLX u ISQ jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' WPC.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Enbridge hija kumpanija tal-infrastruttura tal-enerġija attiva primarjament fit-trasport, il-ħżin u d-distribuzzjoni taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali fl-Amerika ta' Fuq u fl-enerġiji rinnovabbli fl-Amerika ta' Fuq u fl-Ewropa,

— MPLX tippossjedi u topera infrastruttura tal-enerġija midstream u assi loġistiċi u tipprovdi servizzi ta' distribuzzjoni tal-fjuwils,

— ISQ hija ditta ta' ekwità privata li tiffoka fuq l-enerġija, l-utilitajiet, it-telekomunikazzjoni, il-kura tas-saħħa u t-trasport fl-Amerika ta' Fuq, l-Ewropa, u ekonomiji oħra fid-dinja.

3. WPC se jkollha ċerti pipelines tal-gass naturali u assi oħra li jinsabu f'Texas, l-Istati Uniti, u se tkun attiva fis-swieq għat-trażmissjoni u l-ħżin tal-gass naturali f'Texas, l-Istati Uniti.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11537 – Enbridge / MPLX / ISQ / WPC

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/BELGIË